MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 288/2011

**A B**
**Vs**
**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fil-hmistax (15) ta’ Novembru ta’ l-elf disa’ mija u disgha u sittin (1969) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Henry J. Vassallo mis-sbatax (17) ta’ Ottubru ta’ l-efejn u tnejn (2002) (Ara Dok B anness);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom disa’ snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u

sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn / familji godda;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut favur l-ulied f'dan l-istadju stante li l-ulied huma illum kollha maggorenni u 'l fuq mill-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena;

Illi skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali (Ara Dok B anness, t-tieni pagna, t-tielet paragrafu) l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt ta' kwalunkwe manteniment reciproku favur xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artiklu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Ottubru, 2011;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond il-Ligi gew sodisfatti peress illi irrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Henry J Vassallo mis-17 ta' Ottubru 2002;

Rat ukoll illi ulied il-partijiet huma kollha maggorenni u ghandhom 'il fuq mill-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena;

Rat ukoll illi skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jircievu manteniment reciproku minghand xulxin;

Rat ukoll skond kif xehdu l-istess partijiet illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  kollha fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------